DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1036

tal-15 ta' Lulju 2020

dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni ta' ċerti sustanzi attivi fi prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([2]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/227 ([3]), fl-Anness II tiegħu jistabbilixxi lista ta' kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali li kienu jeżistu fit-30 ta' Marzu 2019.

(2) Għal għadd ta' kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti inklużi f'dik il-lista, il-parteċipanti kollha rtiraw l-appoġġ tagħhom fil-ħin.

(3) Il-Kummissjoni ġiet infurmata, f'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014, dwar dawk il-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti li għalihom il-parteċipanti kollha rtiraw l-appoġġ tagħhom fil-ħin u li għalihom l-irwol ta' parteċipant kien diġà ġie assunt. F'konformità mal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014, dawk il-kombinamenti ta' sustanzi/tipi ta' prodotti jenħtieġ li ma jiġux approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali.

(4) Ġiet ippubblikata stedina miftuħa għall-assunzjoni tar-rwol ta' parteċipant għal dawk il-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti li għalihom l-irwol ta' parteċipant ma kienx diġà ġie assunt minn ħaddieħor. Għal uħud minn dawk il-kombinamenti ma saret l-ebda notifika jew in-notifika tkun saret u tkun iċċaħdet skont il-paragrafu 4 jew il-paragrafu 5 tal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014. F'konformità mal-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014, dawk il-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti jenħtieġ li ma jiġux approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi attivi elenkati fl-Anness mhumiex approvati għat-tipi ta' prodotti indikati fih.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/227 tat-28 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 fir-rigward ta' ċerti kombinamenti ta' sustanzi attivi u tipi ta' prodotti li għalihom l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit ġiet maħtura bħala l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni (ĠU L 37, 8.2.2019, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti mhux approvati, inklużi l-forom nanomaterjali:

Numru tal-entrata fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru-1062/2014	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	Tip(i) ta' prodotti
37	Aċidu formiku	BE	200-579-1	64-18-6	11, 12
1025	Aċidu performiku ġġenerat mill-aċidu formiku u l-perossidu tal-idroġenu	BE	mhux applikabbli	mhux applikabbli	3, 5, 6
1027	Aċidu peraċetiku ġġenerat minn 1,3- diaċetilossipropan-2-il aċetat u mill-perossidu tal-idroġenu	AT	mhux applikabbli	mhux applikabbli	4
1028	Aċidu peraċetiku ġġenerat mit-tetraaċetiletilendiammina (TAED) u mill-perborat tas-sodju monoidrat	AT	mhux applikabbli	mhux applikabbli	3
1029	Aċidu peraċetiku ġġenerat mill-peridroliżi tal-N-aċetilkaprolattam bil-perossidu tal-idroġenu f'kundizzjonijiet alkalini	AT	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
85	Simklożen	DE	201-782-8	87-90-1	12
195	2-Bifenilat tas-sodju	ES	205-055-6	132-27-4	4, 6, 7, 9, 10, 13
253	Tetraidro-3,5-dimetil-1,3,5-tijadiażina-2-tijon (Dazomet)	BE	208-576-7	533-74-4	6, 12
346	Dikloroisoċjanurat tas-sodju diidrat	DE	220-767-7	51580-86-0	12
345	Sodju tat-troklożen	DE	220-767-7	2893-78-9	12
359	Formaldeid rilaxxat minn (Etilenediossi)dimetanol (Prodotti tar-reazzjoni tal-glikol etileniku mal-paraformaldeid (EGForm))	PL	222-720-6	3586-55-8	2
382	Tetraidro-1,3,4,6-tetrakis (idrossimetil)imidażo[4,5-d] imidażol-2,5(1H,3H)-dijon (TMAD)	ES	226-408-0	5395-50-6	2
1035	Bromu attiv iġġenerat mill-ożonu u mill-bromur tal-ilma naturali u l-bromur tas-sodju	NL	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
1036	Perossidu tal-idroġenu rilaxxat mill-perkarbonat tas-sodju	FI	mhux applikabbli	mhux applikabbli	5
473	Piretrini u Piretrojdi	ES	232-319-8	8003-34-7	18, 19
1041	Diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorur tas-sodju permezz tal-elettroliżi	DE	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2, 3, 4, 5, 11, 12

1044	Diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorur tas-sodju permezz tal-elettroliżi	DE	mhux applikabbli	mhux applikabbli	12
597	1-[2-(Allilossi)-2-(2,4-diklorofenil)etil]-1H-imidażol (Imażalil)	DE	252-615-0	35554-44-0	3
939	Kloru attiv iġġenerat mill-klorur tas-sodju bl-elettroliżi	SK	mhux applikabbli	mhux applikabbli	12
1052	Kloru attiv iġġenerat mill-klorur tal-manjeżju eżaidrat bl-elettroliżi	FR	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
1053	Kloru attiv iġġenerat mill-klorur tal-potassju bl-elettroliżi	DK	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2, 4
1055	Kloru attiv iġġenerat mill-klorur tas-sodju u mill-bis(perossimonosulfat)bis(sulfat) tal-pentapotassju u mill-aċidu sulfamiku	SI	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2, 3
1056	Kloru attiv iġġenerat mill-aċidu idrokloriku bl-elettroliżi	SI	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2, 4, 5
731	Estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium*	ES	289-699-3	89997-63-7	18
811	Fosfat tal-fidda tal-idroġenu tas-sodju taż-żirkonju	SE	422-570-3	265647-11-8	1
1014	Żeolit tal-fidda	SE	mhux applikabbli	mhux applikabbli	5
868	Idroklorur tal-polieżametilen bigwanid b'piż molekulari medju (Mn) ta' 1415 u b'polidispersità medja (PDI) ta' 4,7 (PHMB(1415;4,7))	FR	Polimeru	1802181-67-4/32289-58-0	3, 9, 11